# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 26 ta’ Frar 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Victor Degabriele**
**Ryan Camenzuli**

**Kumpilazzjoni Nru: 1304/2010**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija:

**Ryan Camenzuli**, u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Maltija numru 130885(M);

**Victor Degabriele**, u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 191384.

Akkuzati talli

1. Fil-lejl ta’ bejn l-1 ta’ Dicembru, 2010 u 2 ta’ Dicembru, 2010 waqt li kienu fi Triq l-iskola, Hal Tarxien, ikkommettew serq ta’ madwar €3500 fi flus kontanti, speakers, subwoovers amplifiers u stereo lkoll ghal valur ta’ madwar €5,000, kartiera b’quickcash card tal-HSBC, u ammont ta’ biljetti tal-concerts minn vettura ta’ l-ghamla Volkswagen numru ta’ registrazzjoni LCJ 486 ghad-detriment ta’ Joel Caruana

minn Hal Tarxien liema serq aggravat bil-valur li jeccedi €2329.37, lok, hin, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

2. Akkuzati wkoll talli fl-istess zmienijiet f'dawn il-gzejjer xjentement xtraw jew laqghu ghandhom hwjjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahlu biex ibieghhuom jew imexxuhom liema oggetti cioe' apparat tal-Hi Fi li kien gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi €2329.37, lok, hin, mezz u bix-xorta tal-haga misruqa.

**Ryan Camenzuli wahdu** akkuzat talli:

- Ghamel reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u kiser il-provediment tal-artikolu 22 tal-Kap 446.
- B'hekk irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Victor Degabriele** wahdu akkuzat talli:

- F'l-4 ta' Dicembru u zminijiet qabel din id-data naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr.C.Stafrace Zammit li permezz tieghu inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jirraporta l-ghassa tal-pulizija ta' Bormla kuljum biex jiffirma u li ma jaghmilx reat iehor.
- Akkuzati ukoll talli ghamel reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.
- U b'hekk irrenda ruhu recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudkatura Kriminali bi procedura sommarja

Fil-konfront ta' l-imputat **Ryan Camenzuli** kif mahsub f'l-artikoli:

a) 18, 261(b)(c)(e)(f)(g), 263, 265, 267, 269, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
d) 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u

e) 17, 23, 28A, 28B, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Fil-konfront ta' l-imputat **Victor Degabriele** kif mahsub f'l-artikoli:

a) 18, 261(b)(c)(e)(f)(g), 263, 265, 267, 269, 270, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) 18 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
d) 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
e) 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
f) 17, 23, 28A, 28B, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dawn il-proceduri jirrigwardaw kaz ta' serq ta' oggetti minn vettura propjeta ta' Joel Caruana, li sehh fil-lejl bejn l-1 ta' Dicembru 2010 u t-2 ta' Dicembru 2010.

Illi mid-depozizzjoni ta' l-ufficjal prosekutur jirrizulta li fit-2 ta' Dicembru 2010 ghall-habta tas-6.20am certu Joel Caruana rrapporta li matul il-lejl ta' qabel xi hadd kien fetah il-vettura tieghu u seraq apparat ta' hifi[1], numru ta' biljetti ta' xi events li kien qed jorganizza li kellhom valur ta' €3,000, wallet li kien fih €300, quick cash card u €200 ohra mill-glove box. Il-vettura kienet ipparkjata f'Triq l-Iskola Tarxien, vicin tar-residenza tieghu. Huwa allega li ghalkemm ma rax sinjali ta' sgass il-bibien tan-naha tax-xellug tal-vettura kif ukoll il-booth ta' wara kienu miftuhin; dak in-nhar stess Caruana ha l-vettura id-depot tal-pulizija biex jigu elevati impronti minn fuqha. Aktar tard dak in-nhar (ghall-habta tal-5.00pm) Caruana rega' mar l-ghassa biex jinfurmahom li kien ghadu kif ikkomunika mieghu certu Ryan Briffa, li jiggestixxi negozju b'l-isem Audio Connections f'Zabbar Road Fgura, biex

[1] Stereo tal-marka Alpine, u sitt speakers, tlett amplifiers u subwoofer tal-marka Tigger.

jghidlu li kienu marru ghandu zewg persuni separatament minn xulxin b'apparat minn tieghu; skond din l-informazzjoni persuna li kien qed isuq vettura b-numru ta' registrazzjoni TDI 130 kellhu l-istereo fil-pussess tieghu, fil-waqt li persuna li kienet qed issuq vettura b'numru ta' registrazzjoni DBO 825 kellu l-speaker fil-pussess tieghu. Mill-investigazzjoni li segwiet irrizulta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni TDI 130 kien qed isuqha certu Jason Borg, fil-waqt li l-vettura b'numru ta' registrazzjoni DBO 825 kien qed isuqha certu Casey Borg. Minn investigazzjonijiet ulterjuri li komplew dak in-nhar stess irrizulta li fil-fatt Jason Borg kellu fil-pussess tieghu l-istereo tal-marka Alpine li huwa allega li kien xtrah minghand l-imputat Ryan Camenzuli; huwa kkonsenja l-istereo lill-pulizija. Aktar tard dak in-nhar stess (cioe fit-2 ta' Dicembru) ghall-habta tas-7.30pm Joel Caruana rega' mar l-ghassa tal-pulizija din id-darba akkompanjat minn certu Trevor Borg (imlaqqam il-Bonc u li eventwalment irrizulta li huwa hu Casey Borg[2]) biex jghidu lill-pulizija li l-apparat kollu (minbarra l-istereo) kien gie irkuprat. Caruana spjega li hu kien mar ghand Ryan Briffa u ra l-filmat tac-CCTV u gharaf il-vettura b'numru ta' registrazzjoni DBO 825 bhala dik ta' Trevor Borg; tramite habib tieghu Pawlu Farrugia ghamel kuntatt ma' dan Trevor Borg li maghhom allega li huwa kien xtrah dak l-apparat. Borg hadhom ghand il-persuni minn fejn kien xtara l-apparat; dawn kienu z-zewg imputati. Minghand l-imputati Caruana nghata l-appart kollu hlif l-istereo; il-flus u l-biljetti ma kienux ghand l-imputati. L-ufficjal prosekutur kellem lill-persuni kollha koncernati, inkluz l-imputati, u ha l-verzjonijiet ufficjali taghhom.

Illi Joel Caruana tressaq bhala xhud; huwa fil-fatt xehed diversi drabi[3]. F'l-ewwel depozizzjoni tieghu Caruana ikkonferma li kienu nsterqu xi affarijiet mill-vettura tieghu; huwa semma' €3,000 fi flus kontanti, tickets ta' parties, kartiera li fiha kellu €200 fi flus kontanti, €300 fi flus kontanti li kienu fil-glove box, semma ukoll sitt speakers, subwoofer, 3 amplifiers u stereo u xi accessorji ohra li skond stima li gab minghand Ryan Briffa kienu jiswew €5,000[4]. Dak in-nhar stess ghall-habta tat-3.30pm jew l-4.00pm Ryan Briffa infurmah li kienet marret persuna ghandu b'l-istereo u li ftit wara mar persuna ohra b'l-amplifier u l-ispeaker ghalhekk huwa informa lill-pulizija u anke mar ghand Ryan u ra il-filmat fuq tac-CCTV. Caruana jghid li Ryan Briffa semmielu lil certu Trevor li kien joqghod ix-Xghajra u qallu li jew hu

---

[2] Ghalkemm b'l-istess kunjom Jason Borg mhux imparentat ma'l-ahwa Trevor u Casey Borg.
[3] Id-depożizzjoni principali hija a fol 63 et seq u kontro ezmiajiet ulterjuri qeghdin a fol 254 et seq, fol 310 et seq, fol 329 et seq.
[4] L-istima hija esebita bhala Dok SZ7 a fol 33.

jew huh kien wiehed miz-zewg irgiel li marru b'l-affarijiet ghandu. Briffa kien anke offra li jcempillu li dan Trevor pero Caruana qallu li m'hemmx ghalfejn. Caruana pero mbaghad cempel lil *habib tieghu* jismu Pawlu Farrugia u spjegalu dwar dan Trevor. Farrugia qallu li kien jafu lil Trevor u fil-fatt Farrugia cempillu lil Trevor. Dak il-hin Trevor allega li hu kien xtrah l-apparat u qallhom ukoll biex imorru ghalih. Huma marru jiltaqghu ma' Trevor x'imkien ix-Xghajra u nghataw l-amplifiers, l-ispeaker u s-subwoofer. Minn hemm marru Bormla ghax Trevor ried johodhom ghand il-persuni li minn ghandhom kien xtara l-apparat; dawn kienu l-imputati. Caruana jghid li wara li Trevor Borg ikkonfrontahom lill-imputati huma ammettew li kienu serqu l-affarijiet u li kienu ser jippruvaw igibu l-istereo lura. Caruana staqsa ghall-flus u ghat-tickets imma l-imputati qalulhom biex dawn jinsewhom. Wara dan l-episodju Caruana, Trevor Borg u Pawlu Farrugia marru l-ghassa, propju fil-hin meta kienu qed jirritornaw il-pulzija li kienu ghadhom kif irkupraw l-istereo (minghand Jason Borg).

Illi in kontro ezami Caruana jghid li l-apparat kien xtrah bicca bicca minghand Ryan Briffa u kien l-istess Ryan Briffa li installah fil-vettura tieghu (cioe ta' Carauna); inghaqad kollax xi tlett gimghat qabel. Jghid li ma jiftakarx inghatax ricevuta tal-hlasijiet li kien ghamel. Hu qal li l-bicca l-kbira ta'l-affarijiet kien xtrahom godda u mhux second hand. Mistoqsi ghalfejn mar ma' Borg ghand il-persuni minghand minn Borg kien allegatament xtara l-apparat minflok infurmaw lill-pulizija, Caruana jghid li dak il-hin tfixkel. Jikkonferma li fil-lejl meta insterqu l-affarijiet mill-karozza tieghu hu kien halliha ipparkjata hdejn id-dar tieghu u li l-unika sinjal ta' sgass li sab kien fil-lock tal-bieba tan-naha tal-passiggier. Mistoqsi dwar l-istima li gab minghand Ryan Briffa u b'mod partikolari ghalfejn din telenka tmien speakers meta huwa dejjem allega li nsterqulu sitt speakers, jghid li fil-fatt tmien speakers insterqu. F'dak l-istadju baqa jinsisti li tmien speakers insterqu minkejja li huwa inghata lura sitt speakers. Caruana jghid ukoll li lil Trevor Borg ma qaghadx jistaqsih x'sar miz-zewg speakers l-ohra. Jghid ukoll li parti mill-appart rega' installah fil-vettura tieghu u li x-xoghol rega' ghamlu Ryan Briffa; ma ftakarx kemm gie il-kont. Specifika ukoll li meta marru x-Xghajra jiltaghu ma' Trevor Borg huma marru hdejn ghalqa, eventwalment marru ghand l-imputati li l-ewwel bdew jinsistu li l-appartat kienu xtrawh mbaghad ammettew li serquh. Mistoqsi dawr il-biljetti tal-parties li nsterqu jghid li dawn kellhom valur ta' €3,400. Mistoqsi ghalfejn halla l-biljetti u l-flus kontanti fil-vettura minflok hadhom id-dar mieghu ma tax raguni valida. Mistoqsi ghal darba ohra kemm kellu speakers jghid li sitta pero kien hemm tnejn ohra fil-bibien li pero kienu mkissrin.

Illi Pawlu Farrugia ta l-verzjoni tieghu[5]. Huwa jispjega li kien okkazzjoni meta cempillu *siehbu* Joel Caruana biex jghidlu li kienu serqulu flus u xi oggetti mill-karozza pero ma sgassawlu xejn. Eventwlament Farrugia cempel lil Caruana biex jara kif baqa u f'dik it-telefonata Caruana saqsih jekk jafx lil xi hadd il-Bonc u meta qallu li iva Caruana spjegalu x'kien gara. Farrugia cempel lill-Bonc u dan ikkonferma li kellu l-apparat; Farrugia qallu li kienu insteraq lil kuginuh[6] u biex *johroghom barra ghax kienu gejjin il-pulizija.* Baqghu li kif johroghom Borg kellu jcempel lil Farrugia biex jaraw kif ser jibqghu; Borg hekk ghamel u qallu biex imur ghall-affarijiet. Ftit tal-hin wara ltaqghu Farrugia, Caruana u Trevor Borg vicin id-dar ta' Farrugia; Farrugia baqa' fil-karozza fil-waqt li Borg u Caruana marru ghall-apparat. Mbaghad telqu t-tlieta li huma, bil-karozza ta' Borg, biex imorru Bormla ghand min kien bejgh l-affarijiet lil Borg. Huma waqfu f'kantuniera fejn, barra hanut, kien hemm xi ftit nies; Borg teptep id-dawl u wiehed minn dak il-persuni resaq lejn il-karozza fil-waqt li sejjah lil persuna ohra li kienet hemm. Flimkien dawn iz-zewg persuni baqghu gejjin lejn il-karozza ta' Borg; dawn iz-zewg persuni kienu l-imputati. Borg u Caruana hargu jkellmuhom u damu ftit ghalhekk Farrugia hareg mill-karozza hu ukoll. Fil-prezenza ta' Farrugia l-imputat Degabriele kien qed jghid li huma kienu xtrawh l-apparat u riedu jaraw kif ser jirrangaw mieghu, pero Farrugia jghid ukoll li Camenzuli min-naha tieghu ammetta li kienu serquh l-apparat. Spiccaw biex ftehmu li lill-imputati jaghtuhom nofs siegha cans biex l-jgiebu l-istereo ghalhekk Farrugia, Borg u Caruana telqu 'l hemm. Peress li l-istereo ma wasalx Farrugia Caruana u Borg marru l-ghassa biex jinfurmaw lill-pulizija b'dak li kien gara.

Illi Trevor Borg tressaq bhala xhud ukoll[7]. Huwa jghid li f'xi zmien qabel il-Milied (2010) l-imputat Ryan Camenzuli avvicinah biex jara jekk kienx interessat jixtri xi apparat ta' sound. Borg ma kienx interessat pero huh Casey seta' kien interessat. Ghalhekk ftehmu u marru f'dar fejn kien hemm l-imputat Degabriele; hemm intwerew l-apparat u bdew jinnegozjaw il-prezz. Eventwalment ftehmu fuq prezz, u ghalhekk l-ahwa Borg hallsu u hadu l-apparat li qeghduh fil-vettura ta' Casey. Casey wassal lil Trevor id-dar u baqa' sejjer ghand xi hadd il-Fgura biex jara x'ser iwahhal mill-apparat. Wara xi erba' sieghat Trevor irceva telefonata minghand habib tieghu Pawlu (Farrugia), saqsih ghandux xi apparat u qallu li kien misruq;

[5] Ref depozizzjoni a fol 72 et seq.
[6] Apparentmenet Caruan u Borg huma kugini imma kien biss f'dak l-istadju li harget din l-informazzjoni.
[7] Ref depozizzjoni principali a fol 110 et seq u kontro ezami ulterjuri a fol 287 et seq.

qallu ukoll biex jarmih jekk qieghed id-dar; Borg fil-fatt hekk ghamel billi tefaw go ghalqa. Sadattant Borg qal lil Farrugia minghand min kien xtraw l-apparat. Spjega li sid l-apparat, Joel Caruana, mar ghall-affarijiet u hu taghhomlu; Borg qal lill Caruana li hu kien xtara l-affarijiet meta kienu mwahhla f'Volkswagen Passat. Borg kompla jispjega li mbaghad hu ha lil Caruana u lil Pawlu Farrugia ghand Degabriele. Bdew jiddiskutu Degabriele, Caruana u Farrugia pero hu ma jafx x'kienu qed jghidu u x'konkluzzjoni waslu ghaliha. Borg jghid li mbaghad qallhom biex imorru l-ghassa. Hu specifika li minghand Degabriele xtara tlett amplifiers, tmien speakers u subwoofer bil-prezz ta' €650 li huwa ghadda lil Camenzuli. Borg qal ukoll li hu ghandu sistema simili fil-karozza tieghu, liema sistema huwa kien xtraha ghal prezz ta' cirka €2,000; hu hadha ghand xi hadd Telemike u mhux ghand Ryan Briffa biex tigi installata. Mistoqsi jekk ma ra xejn stramb fil-fatt li apparat simili ghal dak li huwa xtara bil-prezz ta' €2,000, kien ser jinbiegh bi prezz ta' €650 Borg jghid li jigri li bniedem ikun naqra mkisser u jbiegh bi prezz baxx. Mistoqsi dwar fejn kien l-apparat meta rah ghall-ewwel darba ghid li kien fil-Volkswagen, mbaghad jghid li rah maqlugh u li Degabriele qallu li kienu imwahhlin fil-Passat. Jghid ukoll li hu lil Degabirele ma kienx jafu pero kien jaf lil Camenzuli ghax joqghodu hdejn xulxin f'Bormla; jghid li ma kellux in-numru tal-mobile ta' Camenzuli. Borg ikkonferma li sa kemm Camenzuli dam taht arrest preventiv huwa kien mar il-habs ihallielu xi flus.

Illi anke Casey Borg ingib bhala xhud[8]. Huwa jghid li kien qal lil huh jekk ikun jaf b'xi hadd li jrid inehhi s-sound jghidlu. Eventwalment huh qallu biex imur jiltaqa' mieghu Bormla ghax kien sablu xi haga. Marru ghand xi hadd, li hu kien jafhom di vista biss, imma huh kien jafhom; dawn iz-zewg persuni kienu l-imputati. Fil-fatt kien huh li beda jinnegozja. Ghal xi hin Borg u huh telqu minghand l-imputati biex jahsbuha fuq il-prezz u regghu marru lura biex jiehdu l-apparat. Borg wassal lil huh id-dar u, fuq struzzjonijiet ta' huh, baqa sejjer ghand Ryan Briffa biex jipprova s-sound. Meta wasal ghand Briffa dan qallu biex jitlaq'l hemm ghax ftit tal-hin qabel kien mar ukoll sid l-apparat. Casey prova jcempel lil huh izda ma qabdux ghalehkk mar id-dar. Ftit wara cempillu Trevor u qallu biex jarmi l-apparat ghax kien misruq; Casey hekk ghamel. Aktar tard Trevor u sid is-sound marru ghall-apparat; wara cemplulu u qalulu li kienu qeghdin l-ghassa. Casey qal ukoll li ghalkemm kien gieli riekeb fil-karozza ta' huh, hu ma kienx jaf x'sound system kellu huh fil-karozza u lanqas kellu idea kemm

[8] Ref depozizzjoni a fol 164 et seq u kontro ezami a fol 274 et seq.

kien jiswa. Zied ukoll li fil-hin li l-imputati u huh Trevor kienu qed jinnegozjaw il-prezz, hu kien fil-karozza u ghalhekk ma rax flus ghadejjin.

Illi Ryan Briffa, sid l-Audio Connections xehed f'dawn il-proceduri[9]. Hu jispjega li dahal klient fil-hanut b'affarijiet f'idu u inserta kien hemm il-propjetarju ta' dawk l-affarijiet fil-hanut ukoll. Sid l-affarijiet saqsieh jekk dawk l-affarijiet li kienu f'idejn il-klient kienux tieghu pero Briffa qal li ma kellux cans jarahom sew ghax il-klient kemm dahal u hareg; Briffa qal ukoll li hu lil dan il-klient ma lahaqx kellmu ghax ghadda xi hadd bil-karozza u paqpaqlu. L-affarijiet f'idejn il-klient kienu speakers u amplifier. Briffa qal li eventwalment marru l-pulizija ghandu u taghhom l-informazzjoni kollha li seta'. F'l-ewwel depozizzjoni tieghu Briffa ma ftakar xejn aktar minn hekk. Fil-kontro ezami jghid li kienu gew zewg persuni b'l-apparat in ezami u aktar minn hekk jinnega li huwa qal li xi hadd li l-apparat kien misruq u jinnega ukoll li huwa cempel lil Joel Caruana biex jghidlu li kien mar xi hadd ghandu b'l-apparat tieghu. Jghid ukoll li huwa sar jaf li l-apparat kien misruq meta marru ghandu l-pulizija. Qal ukoll li Joel Caruana ma kienx xtrahx gdid l-apparat, anzi li l-ispeakers biss kien xtara minghandu; aktar minn hekk qal li l-istima li ghamel kienet ghall-apparat bhala gdid. Zied ukoll li hu ma kienx jaf li lil Trevor u Casey Borg kienu maghrufin bil-laqam il-Bonc.

Illi Jason Borg xehed quddiem din il-Qorti[10]. Huwa jispjega li kien hemm okkazzjoni meta kien qieghed isuq f' Bormla meta giet persuna, li hu ma kienx jafha qabel, waqqfu u staqsietu jriedx jixtri stereo. Huwa staqsa jekk l-istereo kienx misruq u dik il-persuna qaltlu le. Aktar minn hekk din il-persuna talbietu n-numru tat-telephone biex mbaghad icempillu; hu taha n-numru. Huwa identifika lil din il-persuna bhala l-imputat Ryan Camenzuli. Aktar tard dak in-nhar Camemzuli cempillu u qallu biex imur Bormla ghall-habta tas-2.30pm; iltaqghu fil-post indikat u Camenzuli qallu biex jistenna hemm u wara ftit tal-hin rega' gie b'l-istereo. Idduskutew il-prezz u spiccaw biex Borg ha l-istereo bil-prezz ta' €90. Aktar tard Jason Borg mar ghand Ryan Briffa biex jirrangalu l-wire ta'l-istereo; Briffa talab biex jara l-istereo u l-plakka u malli Borg uriehomlu Briffa qallu biex jehles mill-istereo ghax kien misruq. Meta sema' hekk tfixkel u heba l-istereo fil-garaxx t'ohtu. Jason Borg kompla jispjega li aktar tard dak in-nhar marru ghandu l-pulizija u hu tahom l-istereo. Borg zied jghid li hu lil Trevor Borg imlqqqam il-Bonc

[9] Depozizzjoni a fol 152 et seq u kontro ezami ulterjuri a fol 312 et seq.
[10] Depozizzjoni a fol 68 et seq.

ma jafux, li lill-imputat Camenzuli ma kienx jafu qabel ma waqqfu dak in-nhar f'Bormla u lill-imputat Degabriele qatt ma rah hlif il-Qorti dak in-nhar li kien qed jiddeponi.

Illi fil-kors ta' dawn il-proceduri gie nomimnat espert, Joseph Mallia, biex jeleva l-impronti digitali u palmari ta'l-imputati ai fini ta' ezami komparattiv ma'l-impronti li gew elevati minn fuq il-vettura ta' Joel Caruana. Dan l-ezercizzju sar. Minn hames lifters elevati minn fuq il-vettura[11] tnejn ma kellhomx impronti tajbin biex isir l-ezami komparattiv, it-tlieta l-ohra kellhom disa' impronti; l-ebda wahda minn dawn ma qablet ma'l-impronti ta'l-imputati[12].

Illi fix-xhieda tieghu l-ufficjal prosekutur spjega ukoll li fiz-zmien meta sehhew il-fatti mertu tal-proceduri odjerni l-imputat Victor Degabriele kien marbut b'kundizzjonijiet imposti ma l-ghoti ta' helsien mill-arrest; il-kundizzjonijiet kienu jinkludu dik li l-imputat jiffirma kuljum l-ghassa tal-Pulizija ta' Bormla u li jirrinkaza bejn it-8.00pm u l-5.30am. L-ufficjal prosekutur prezenta kopja ta' degriet[13] kif ukoll kopja ta' zewg bail books[14]. Minn dawn il-bail books jirrizulta li kien hemm xi okkazzjonijiet meta l-imputat Degabriele ma marx jiffirma.

Illi gew esebieti ukoll sensiela ta' sentenzi mghotija fil-konfront taz-zewg imputati.

Illi l-imputati rrilaxxjaw stqarrija u anke iddeponew quddiem din il-Qorti.

Illi f'l-istqarrija tieghu[15] Victor Degabriele jikkonferma li huwa lil Trevor Borg imlaqqam il-Bonc kien jaf min hu. Dwar dak li seta' gara fil-lejl bejn l-ewwel u t-tnejn ta' Dicembru 2010 huwa jghid li kien qieghed id-dar ma xi hbieb ghax ma kienx jiflah u li hu ma seraq xejn mill-vettura ta' Joel Caruana. Jghid li l-apparat li urih l-ispettur Zammit (l-apparat misruq mill-vettura ta' Joel Caruana) kien rah ghax kien id-dar tieghu wara li gabulu l-Bonc. Degabriele spjega li kien hemm okkazzjoni meta Camenzuli infurmah li l-Bonc kellu sound ghal bejgh u peress li hu (cioe Degabriele) ma setghax

---

[11] Dawn gew elevati mill-bibien u l-booth li Caruana allega li nstabu miftuhin.
[12] Ref depozizzjoni a fol 208 u rapport Dok JM3 a fol 210 et seq.
[13] Ref degriet esebiet bhala Dok SZ9 a fol 35.
[14] Wiehed jirreferi ghal bail mghoti f'kawza kontra l-imputat li fiha l-proskutur kien l-Ispettur Keith Arnaud (Ref Dok SZ18 a fol 79) u l-iehor jirreferi ghal bail mghoti f'kawza li fiha prosekutur kien l-Ispettur Fabian Fleri (Ref Dok SZ 19 A FOL 83).
[15] Dok SZ15 a fol 50 et seq.

johrog gew ghandu l-Bonc u huh, flimkien ma Camenzuli biex juruh l-apparat. Hallew l-apparat fil-kantina tad-dar ta' Degabriele u telqu ghax kienu mghagglin pero infurmawh li jridu €700. Degabriele ma ridux b'dak il-prezz ghalhekk cemplu lill-Bonc biex jerga jigi ghall-affarijiet. Sadattant Camenzuli gab lil xi hadd biex jara s-sound pero dan kien interessat biss f'l-istereo u huma tawh l-istereo ghal xi €90. Eventwalment il-Bonc mar lura ghand Degabriele u qallu li s-sound ma kienx tieghu imma kien misruq minghand persuna li huwa kien jaf u biex ma jaqax ghac-cajt mieghu ftehemu li joholqu storja li attaparsi s-sound kien xtrah minghand Degabriele. Wara kwarta il-Bonc rega' mar ghand Degabriele fllimkien ma' Caruana u bdew jargumentaw ghax sid l-apparat beda jsemmi xi €3,500 ukoll u Degabriele inhasad meta sema' b'dawn il-flus. Spiccaw biex ftehmu li Degabriele jipprova jgib l-istereo lura peress li kien lahaq bieghu Camenzuli.

Illi fid-depozizzjoni tieghu[16] Degabriele ta bejn wiehed u iehor l-istess verzjoni li kien ta f'l-istqarrija pero zied li meta il-Bonc gie biex jiehu s-sound (peress li ma kienux ftehmu fuq prezz) hu (cioe Degabriele) baqa' fuq fil-waqt li Camenzuli u habib iehor taghhom mlaqqam il-Marozz nizzlu s-sound u ghabbewh fil-karozza tal-Bonc. Degabriele qal ukoll x'hin niezel fil-kantina biex jara s-sound Camenzuli gab lil xi hadd, ragel li Degabriele ma kienx jafu, biex jara s-sound hu ukoll. Dan ir-ragel (li fil-fatt kien Jason Borg) kien interesat biss f'l-istereo ghalhekk Camenzuli cempel lill-Bonc qabel ma ftehmu ma' Jason Borg dwar il-prezz ta'l-istereo. Wara li Jason Borg ha l-istereo Degabriele rega' tela' fuq u Camenzuli rega' hareg. Wara ftit Camenzuli rega' gie lura u qallu li ilBonc ried ikellmu ghalhekk Degabirele niezel isfel. Kien dak il-hin li l-Bonc talbu jghid li s-sound kien xtrah hu (cioe Degabriele). Degabriele zied ukoll li huwa accetta li jaghmel dik ir-recta ma' sid l-apparat bi pjacir lill-Bonc u dan peress li l-Bonc kien jitraffika d-droga u hu ried li jibda jixtri minghandu.

Illi Degabriele spjega ukoll fid-depozizzjoni tieghu li kien hemm granet li ma marx jiffirma l-bail book ghaliex kien ma jiflhax u ghal dawk il-granet kien baghat certifikat mediku ma' certa Christina Dalli.

Illi l-istaqrrija tieghu[17] l-imputat Ryan Camenzuli ma rrisponda kwazi ghall-ebda wahda mill-mistoqsijiet li sarulu; qal biss li ma kien jaf xejn dwar l-

---

[16] A fol 381 et seq.
[17] Dok SZ14 a fol 47 et seq.

apparat tas-sound li urih l-Ispettur Zammit u li hu ma kien biegh xejn lil Jason. Fid-depozizzjoni tieghu[18] ta hafna aktar informazzjoni. Spjega li hu kien jaf kemm lilll-imputat l-iehor Degabriele, kif ukoll lill-Bonc perss li l-Bonc kien joqghod faccata tieghu. Kien hemm okazzjoni meta l-Bonc qallu li ghandu sound, li kien fil-vettura tieghu, li kien ghal bejgh. Camenzuli kien jaf li Degabriele ried sound system ghalhekk ha n-numru tat-telephone tal-Bonc. Camenuzuli qal lil Degabriele fuq is-sound u spiccaw ftehmu biex il-Bonc igibu biex jurih lil Degabriele. Meta gie il-Bonc bis-sound kien hemm huh Casey mieghu; nizzlu l-apparat fil-kantina tad-dar ta' Degabriele. Peress li Degabriele kien ghadu fuq u il-Bonc ircieva telefonata, l-ahwa Borg telqu u hallew l-apparat ghand Degabriele. Wara ftit Degabriele niezel u ra l-apparat u Camenzuli rega' cempel lill-Bonc biex jinnegozjaw il-prezz pero ma ftehmux u baqaw lil-Bonc kellu jerga jmur ghall-apparat. Wara ftit Camenzuli niezel jixtri xi haga u ra wiehed b'Toyita Vitz, waqqfu u saqsih iridx sound system; dan kien Jason Borg. Borg mar ghand Degabriele biex jara l-apparat pero ma kienx interessat f'l-apparat kolla imma l-istereo biss. Camenzuli cempel lill-Bonc biex jara kemm ried ta'l-istereo u ftehmu ma' Jason Borg. Mhux hekk biss imma anke, flimkien ma' Degabriele marru ma Borg hdejn il-karozza tieghu biex jqabbdu l-istereo mal-battery halli jippruvah. Xi ghaxar minuri wara li telaq Jason Borg rega' gie il-Bonc ma huh Casey u ghabbew l-apparat fil-karozza tal-Bonc u Camenzuli tah il-flus ta'l-istereo; l-ahwa Borg telqu. Aktar tard dak in-nhar, ghall-habta tas-sitta u nofs, Camenzuli rega' kien qieghed barra jixtri ra lill-Bonc li qallu biex jghajjat lil Degabriele; Degabriele niezel u il-Bonc talbu jilghad il-loghba li s-sound kien tieghu (cioe ta' Degabirele); Degabriele accetta u l-Bonc telaq pero rega gie ftit wara, din id-darba ma persuna li Camenzuli ma kienx jafha u li wara irrizulta li kien sid is-sound. Camenzuli mbaghad kompla jispjega kif inqala argument bejn Degabriele, il-Bonc u Carauna ghax dawn ta'l-ahhar baqaw jinsistu li jriedu l-istereo ukoll. Camenzuli jallega li dak li verament kien gara kien li l-Bonc kellu jiehu minghand xi hadd u thallas billi ha is-sound, pero ftit tal-hin wara irrealizza li kien misruq ghalhekk talab lil Degabriele biex jghid li hu kien xtara s-sound. Camenzuli qal ukoll li meta hu kien qieghed il-habs il-Bonc kien mar tlett darbiet ihallielu flus[19]; qal ukoll li lill-Bonc kien jafu ukoll b'konessjoni mad-droga.

[18] A fol 348 et seq.

[19] In atti hemm esebieti tnejn mill-ircevuti li jigi rilaxxjati mill-gwardjani tal-habs meta Trevor Borg mar ihalli l-flus ghal Camenzuli, ref Dok RC1 a fol 401.

Illil-imputat Degabriele ressaq bhala xhud lil certu Josef Zammit[20]. Dan spjega li Degabriele kien joqghod f'dar il-Fgura li kien jikri minghand ommu (cioe omm Zammit) u li hu gieli kien imur iqatta ftit hin hemm fil-ghaxija. Spjega li darba kien mar jixtri u kien hemm Camenzuli li talbu l-ghajnuna biex igorru sound mill-kantina ta' Victor sal-karozza ta' wiehed mlaqqam il-Bonc. Zammit jaf li mbaghad il-Bonc ried ikellem lil Degabriele u inqala argument bejniethom b'Degabriele jghid lill-Bonc li hu mhux ragel. Zammit jghid li dak in-nhar il-Bonc wahdu kien qieghed, pero eventwalment Zammit qal li fil-fatt kien hemm hu il-Bonc ukoll.

Illi Degabriele ressaq ukol bhala xhud lill-ispettur, illum Assistent Kummissarju Dennis Thuema[21] li kkonferma li l-imputat Degabriele kien tah informazzjoni fuq diversi persuni inkluz Trevor Borg u a bazi ta' din l-informazzjoni bdiet investigazzjoni li wasslet ghall-proceduri fil-konfront ta' Trevor Borg dwar traffikar ta' droga.

Ikkunsidrat

Illi mir-riassunt tal-provi prodotti huwa lampanti l-kunflitt kbir li hemm fil-verzjonijiet mghotija. Fil-verita il-verzjonijiet mghotija mhumiex biss kunfliggenti meta tikkomparahom wahda ma'l-ohra imma kull depozizzjoni hija mimlija kontradizzjonijiet. Ghandu jinghad li n-nuqqas ta' qbiel fil-verzjonijiet ma jirrigwardax xi dettalji zghar imma jirrigwarda kull aspett tal-fatti relevanti u kif dawn setghu graw. Fil-fatt il-Qorti ma tistax ma tosservax li hadd mix-xhieda ma kien kredibbli u kollha qalu affarijiet li huma inverosimili ghall-ahhar; huma partijiet zghar minn kull depozizzjoni li jistghu jinghataw affidabilita. Minkejja dan hemm fatti li l-Qorti hija sodisfatta minnhom: il-fatt li nsterqu xi oggetti mill-vettura ta' Joel Caruana fosthom sound system; il-fatt li dan l-apparat, wara li nsteraq, spicca kemm fil-pussess ta'l-ahwa Trevor u Casey Borg kif ukoll taz-zewg imputati; u l-fatt li Jason Borg xtara l-istereo li kien jifforma parti minn dan l-apparat wara li waqqfu fit-triq Ryan Camenzuli.

Ikkunsidrat

**L-ewwel zewg imputazzjonijiet**

[20] Ref depozizzjoni a fol 409 et seq.
[21] Ref depozizzjoni a fol 416.

Illi permezz ta’l-ewwel zewg imputazzjonijiet iz-zewg imputati qed jigi addebietati b’serq aggravat u alternattivament ricettazzjoni ta’ dawk l-ogetti misruqa.

Illi minkejja li ghal xi hin l-apparat kien fil-pussess ta’l-imputati, mill-provi processwali ma jirrizulta xejn li jista’ jorbot lill-imputati direttament mas-serq ta’l-oggetti li kien hemm fil-vettura ta’ Caruana. Fil-fatt lanqas l-impronti elevati minn fuq il-vettura ma kienu ta’l-imputati. Konsegwentement l-ewwel imputazzjoni ma tistax tissussisti.

Illi l-istess ma jistax jinghad ghat-tieni imputazzjoni dwar ricettazzjoni.

Illi l-principji regolaturi in tema ta’ ricettazzjoni huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna. Skond il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali[22]

> *... ... sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe':*
> *1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;*
> *2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima; w*
> *3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim "Il-Pulizija vs. Bugelli" [24.1.1942]; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima" [25.10.2002])*
>
> *L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. John Briguglio" [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li :-*
>
> *"Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*

[22] Ref Il-Pulizija vs Darren Debono deciza 15 ta’ Jannar 2009.

*Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f' pussess ta' dak l-oggett b' mod illecitu w b' dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Briguglio" [24.6.1961]; "Il-Pulizija vs. John Dimech" [24.6.1961]; "Il-Pulizija vs. George Tabone" [24.6.1961] u "Il-Pulizija vs. Tancred Borg" [26.10.1998]).*

*S' intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo" [21.3.1953]; "Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb" [16.12.1998] u ohrajn)*

*Kif jghid il-KENNY:*

*"The knowledge: The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. ...when an unlikely vendor offers them for an unlikely price ... His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously ... or making no written entry of having bought them."*

*Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et."[26.8.1998]); it-teorija Ingliza "of unlawful possession of recently stolen goods" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' "law of evidence" il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta'*

*dawk l-oggetti. F' dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126):-*

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from Cross on Evidence,5th. ed., p.49 (now 8th. ed., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen....The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*"Every case depends on its own facts. ....It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence." (ara ukoll f' dan is-sens :"Il-Pulizija vs. Carmel Debono" [1.11.1996], "Il-Pulizija vs Richard Spiteri" [31.8.2006] u ohrajn).*

Illi fil-kaz in ezami jirrizulta ampjament li f' xi hin, immedjatament wara li kien insteraq, kellhom fil-pussess u taht il-kontroll taghhom is-sound system ta' Joel Caruana. F'dan ir-rigward ghandu jinghad li ghalkemm l-apparat kien fid-dar ta' Victor Degabriele il-Qorti m'ghandhiex dubbju li Ryan Camenzuli kellu kontroll fuq dak l-apparat daqs Degabriele fil-fatt

Camenzuli, ma' Degabriele, kellu sehem attiv hafna fil-fatti li taw lok ghal proceduri in ezami, inkluz il-bejgh ta'l-istereo lil Jason Borg.

Illi c-cirkostanzi li fihom l-imputati gew fil-pussess ta' dak l-apparat, dak li huma kienu jafu fuq il-persuna minghand min (skond il-verzjoni taghhom) huma hadu pussess tal-apparat, kif ukoll il-prezzijiet li bdew jigu negozjati zgur kienu sufficjenti biex iqajjmu suspett dwar l-provenjenza ta' l-apparat.

Illi fit-termini tal-gurisprudenza fuq kwotata, u la darba rrizulta li l-imputati kienu fil-pussess ta' oggetti li kienu ghadhom kif insterqu, f'cirkostanzi fejn messhom issusspettaw il-provenjenza illegittima ta' dawk l-oggetti, l-oneru dar fuqhom biex jaghtu *a credible explanation of the manner in which they came by the goods*. Fil-fehma tal-Qorti dan huma m'ghamluhx.

Illi ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat li ai termini ta'l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ikun hati ta' ricettazzjoni mhux biss minn jixtri affarijiet li gew akkwistat permezz b'reat, imma anke minn b'xi mod iehor *jilqa ghandu* affarijiet akkwistati b'reat kif ukoll min *jindahal biex ibiegh jew imexxi* dawk l-affarijiet akkwistati b'reat. M'hemmx dubbju fil-kaz in ezami li l-imputati laqghu ghandhom oggetti misruqa u anke indahlu biex ibieghhom jew imexxuhom.

Illi tenut kont tas-suespost il-Qorti hija konvinta li t-tieni imputazzjoni tissussisti.

Ikkunsidrat

## L-imputazzjonijiet l-ohra fil-konfront ta' Victor Degabriele

Illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Degabriele hija dik ravvizata f'l-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe il-ksur ta' xi kundizzjoni imposta b'degriet permezz ta'liema huwa nghata l-helsien mill-arrest. Ai termini tac-citazzjoni din l-imputazzjoni hija bazata fuq xi degriet mghoti minn din il-Qorti kif presjeduta mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit; ic-citazzjoni ma tispecifikax id-data tad-degriet.

Illi in sostenn ta' din l-imputazzjoni gew prezentati kopja ta' degriet: Dok SZ9, u kopja ta' zewg bail books: Dok SZ18, li jirreferi ghal helsien mill-arrest mghoti f'proceduri li fihom l-ufficjal prosekutur kien l-Ispettur Keith

Arnaud, u Dok SZ19 li jirreferi ghal helsien mill-arrest mghoti f'proceduri li fihom l-ufficjal prosekutur kien l-Ispettur Fabian Fleri.

Illi sfortunatament d-degriet esebiet[23] la ghandu data, la ghandu indikat minn hu l-ufficjal prosekutur u min hu l-Magistrat li ta dan id-degriet. In vista ta' dan, u b'mod partikolari n-nuqqas tad-data fid-degriet, dan id-dokument ma jistax jitqies bhala prova sufficjenti tal-fatt li f'l-1 ta' Dicembru 2010 Degabriele kien marbut b'xi kundizzjonijiet imposti ma' l-ghoti tal-helsien mill-arrest ghaliex m'hemm l-edba prova dwar meta inghata d-degriet esebiet. Konsegwentement l-imputazzjoni issa in ezami ma tistax tirrizzulta.

Illi permezz tar-raba u l-hames imputazzjonijiet Degabriele qed jigi akkuzat li wettaq reat waqt il-perjodu operativ ta' sentenza sospieza u li huwa recidiv ai termini ta'l-artikoli 49, 50 u 289.

Illi in sostenn ta' dawn l-imputazzjonijiet gew prezentati erbgha sentenzi:

- DOK SZ19[24]: sentenza datata 17 ta' Novembru 2004 permezz ta' liema gie ikkundannat tlettax il-xahar prigunerija sospiezi ghal sentejn;
- Dok SZ20[25]: sentenza datata 7 ta' Frar 2006 permezz ta' liema tpogga taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin;
- Dok SZ21[26]: sentenza datata 14 ta' Gunju 2007 permezz ta' liema gie ikkundannat sentejn prigunerija sospiezi ghal erbgha snin; u
- Dok SZ22[27]: sentenza datata 19 ta' Mejju 2008 permezz ta' liema gie ikkundannat sebgha xhur prigunerija sospiezi ghal sena.

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni gew kommessi bejn l-1 ta' Dicembru 2010 u t-2 ta' Dicembru 2010 konsegwentment fil-perjodu operativ tas-sentenza datata 14 ta' Gunju 2007 permezz ta' liema gie ikkundannat sentejn prigunerija sospiezi ghal erbgha snin. Ir-raba imputazzjoni ghalhekk hija sodisfacjentement pruvata.

Illi r-recidiva hija regolata permezz ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; fil-kaz in ezami, u minhabba li sentenzi li fuqhom hija bazata l-imputazzjoni huma sentenzi sospiezi, allura determinanti ukoll huma l-artikoli 28A(5A) u 28F tal-Kapitolu 9.

---

[23] A fol 35.
[24] A fol 118.
[25] A fol 120.
[26] A fol 124.
[27] A fol 127.

Illi l-artikolu 49 jistabbilixxi meta persuna ghandha titqies recidiva: cioe jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza li tkun saret definittiva, tagħmel reat ieħor. L-artikolu 50 imbaghad jistabilixxi li, skond ic-cirkostanzi hemm stabbiliti, il-piena mghotija fil-konfront ta'l-imputat recidiv tista tizdied bi grad. Dan l-artikolu 50 jipprovdi li:

> *Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin* ***minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena***[28]*, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

Illi ghalhekk biex imputat jigi kunsidrat recidiv ai fini ta' dan l-artikolu 50 l-imputat irid ikun ikkommetta reat wara li skonta il-perjodu ta' prigunerija gia impost fuqu.

Illi l-artikolu 28(5A) jipprovdi li:

> *Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 28F il-piena mogħtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx daħlet fis-seħħ għandha, għall-finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv...*

Illi l-artikolu 28F mbaghad jipprovdi hekk:

> *Meta l-qorti tkun qegħda tittratta ma' ħati dwar reat, li għalih hemm piena ta' priġunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiża, hija għandha tqisu bħala reċidiv fit-tifsir ta'l-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jistħoqq għal dak ir-reat l-ieħor, iżda l-piena mogħtija fis-sentenza sospiża ma għandhiex titqies għall-finijiet tal-artikolu 50* ***ħlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet isseħħ u sakemm dik il-piena ma tkunx ġiet skontata jew maħfura***[29]*.*

---

[28] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.
[29] Is-sottolinear huwa ta' din il-Qorti.

Illi ghalhekk sentenza sospieza ghandha titqies bhala kundanna ai fini ta'l-artikolu 49 pero ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta'l-artikolu 50 qabel l-iskadenza tal-perjodu operativ jew, jekk issir effettiva, meta tkun giet skontata l-piena.

Illi permezz tat-tieni sentenza fuq elenkata u cioe dik datata 7 ta' Frar 2006 l-imputat Degabriele kien tppogga taht ordni ta' probation. Ordni ta' probation ma jistax jitqies bhala kundanna ghalhekk din is-sentenza ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta'l-imputazzjoni issa in ezami.

Illi permezz tat-tlett sentenzi l-ohra fuq elenkati l-imputat gie ikkundannat perjodu ta' prigunerija sospiez kif indikat, ghalhekk l-imputat ghandu jitqies bhala recidiv fit-termini ta' l-artikolu 49 tal-Kapitolu 9.

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew f'l-1 ta' Dicembru 2010 u t-2 ta' Dicembru 2010. Mill-atti ma jirrizultax li t-tlett sentenzi sospiezi in ezami gew rezi effettivi, ghalhekk il-perjodu ta' hames snin imsemmi f'l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 ghandu jibda jiddekkori ma'l-iskadenza tal-perjodu operativ ta' kull sentenza. It-tielet sentenza fuq elenkata u cioe dik datata 14 ta' Gunju 2007 kienet sospieza ghal perjodu ta' erbgha snin ghalhekk l-perjodu operativ skada wara d-data li fihom sehhew l-fatti mertu ta' dawn il-proceduri ghalhekk kienu ghadhom ma bdewx jiddekorru l-hames snin imsemmija f'l-artikolu 50. Pero l-perjodu operativ taz-zewg sentenzi l-ohra fuq elenkati skada fis-16 ta' Novembru 2006 (fil-kaz ta'l-ewwel sentenza) u fit-18 ta' Mejju 2009 (fil-kaz tar-raba sentenza) ghalhekk il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew fit-terminu ta' hames snin mill-iskadenza tal-perjodu operativ. Konsegwentment l-imputat ghandu jitqies recidiv fit-termini ta'l-artikolu 50 tal-Kapitolu 9.

Illi l-imputat qed jigi addebietat ukoll bir-recidiva predisposta f'l-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 cioe bir-recidiva fil-kazijiet ta' serq. Permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jinstab hati ta' ricettazzjoni ghalhekk l-artikolu 289 mhux applikabbli.

Ikkunsidrat

**L-imputazzjonijiet l-ohra fil-konfront ta' Ryan Camenzuli**

Illi ai termini tac-citazzjoni l-imputat Camenzuli qed jigi akkuzat ukoll li wettaq reat waqt il-perjodu operativ ta' sentenza sospieza u waqt perjodu ta'liberta kondizzjonata u li huwa recidiv.

Illi fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avuakt Generali l-artikoli tal-Ligi kwotati u li a bazi taghhom tinsta tinstab htija b'referenza ghal dawn l-imputazzjonijiet huma l-artikoli 28A, 28B, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 u l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi pero m'hemm l-ebda referenza ghall-artikolu 23 tal-Kapitolu 446, cioe l-artikolu li jipprovdi dwar twettieq ta' reat fil-perjodu ta' liberta kundizzjonata. Konsegwentement, u la darba l-Qorti tista' ssib htija biss fir-rigward ta' dawk r-reati predisposti fid-dispozizjzonijiet tal-ligi kwotati mill-Avukat Generali l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Ryan Camenzuli in kwantu tirreferi ghal twettieq ta' reat fil-perjodu ta'liberta kundizzjonata.

Illi in sostenn ta' l-imputazzjonijiet issa in ezami gew prezentati zewg sentenzi:

- DOK SZ23[30]: sentenza datata 22 ta' Gunju 2010 permezz ta' liema gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn; u
- Dok FF1[31]: sentenza datata 15 ta' Lulju 2010 permezz ta' liema gie ikkundannat sentejn prigunerija sospiezi ghal perjodu ta' tlett snin.

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni gew kommessi bejn l-1 ta' Dicembru 2010 u t-2 ta' Dicembru 2010 konsegwentment fil-perjodu operativ tas-sentenza datata 15 ta' Lulju 2010. Konsegwentement it-tielet imputazzjoni inkwantu tirreferi ghall-kommissjoni ta' reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza hija sodisfacjentement pruvati.

Illi l-ahhar imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Camenzuli hija dik dwar recidiva.

Illi s-sentenza permezz ta' liema Camenzuli inghata liberta kundizzjonata ma tistax titqies bhala kundanna ghalhekk m'ghandhiex tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta'l-imputazzjoni issa in ezami.

---

[30] A fol 130.
[31] A fol 150.

Illi l-unika sentenza ohra prodotta bhala prova hija dik datata 15 ta' Lulju 2010 permezz ta' liema gie ikkundannat sentejn prigunerija sospiezi ghal perjodu ta' tlett snin. B'applikazzjoni tal-principji regolaturi in tema ta' recidiva fuq elenkati din is-sentenza ghandha titqies bhala kundanna fit-termini ta'l-artikolu 49. Pero, u peress li l-perjodu operativ skada wara d-data li fihom sehhew l-fatti mertu ta' dawn il-proceduri u ghalhekk kienu ghadhom ma bdewx jiddekorru l-hames snin imsemmija f'l-artikolu 50, l-imputat Camenzuli ma jistax jitqies recidiv ai fini ta'l-artikolu 50.

Illi Camenzuli qed jigi addebietat ukoll bir-recidiva predisposta f'l-artikolu 289 tal-Kapitolu 9 cioe bir-recidiva fil-kazijiet ta' serq. Permezz tal-proceduri odjerni l-imputat qed jinstab hati ta' ricettazzjoni ghalhekk l-artikolu 289 mhux applikabbli.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati u l-fedina penali taghhom. Hadet in konsiderazzjoni ukoll ic-cirkostanzi li fihom sehhew il-fatti mertui ta' dawn il-proceduri. Aktar minn hekk hadet in konsiderazzjoni l-fatt li jidher li fil-mori tal-proceduri l-imputati ghamlu kambjamenti pozittivi f'hajjiethom u bdew bit-triq tar-riabilitazzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li jkun ferm aktar opportun li l-imputati jinghataw l-ghajnuna biex ikomplu fit-triq tar-riabilitazzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

Fil-waqt li ma ssibx lill-imputat **Victor Degabriele** hati ta'l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet u tilliberah minnhom,  wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49, 50 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu fit-termini tac-citazzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B(2)(a) tal-Kapitolu 9 qed taghzel li ma tirrendiex effettiv il-perjodu ta'priguenrija impost f'l-14 ta' Gunju 2007.

Fil-waqt li ma ssibx lill-imputat **Ryan Camenzuli** hati ta'l-ewwel imputazzjoni u tilliberah minnha u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal ksur ta'l-liberta

kundizzjonata, wara li rat l-artikoli 28A, 28B, 49 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati tat-tieni imputazzjoni, tat-tielet imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal ksur ta' sentenza sospieza u tar-raba imputazzjoni u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. In oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B(2)(a) tal-Kapitolu 9 qed taghzel li ma tirrendiex effettiv il-perjodu ta'priguenrija impost fl-15 ta' Lulju 2010.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkemmettu reat iehor fiz-zmien prefiss u jekk ma joqghodux ghall-ordnijiet lilhom mghotija.

Il-Qorti qed tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**